

31994R0163

29.1.1994

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 24/2

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 163/94
tal-24 ta' Jannar 1994**

li jemenda r-Regolamnet (KEE) Nru 386/90 dwar is-sorveljanza magħmula fil-ħin ta' l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli li jirċievu rifużjonijiet jew ammonti oħra

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 43 tiegħu,

Artikolu 1

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Ir-Regolament (KEE) Nru 386/90 qiegħed jiġi emendat kif ġej:

Wara li kkunsidraw l-opinjoni ta' l-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

1. Fl-Artikolu 2 għandu jidħol dan li ġej: "(b) kontrolli fiżiċi fuq sostituzzjoni skond l-Artikolu 3a, u (b) għandha ssir (c)"

Billi, taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 386/90 tat-12 ta' Frar 1990 dwar is-sorveljanza magħmula fil-ħin ta' l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli li jirċievu rifużjonijiet jew ammonti oħra ⁽³⁾, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Kunsill fuq il-progress fl-applikazzjoni tar-Regolament;

2. l-Artikolu 3(2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Skond ir-regoli dettaljati li għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 6, ir-rata msemmija fil-paragrafu 1 (b) għandha tapplika:

— għal kull uffiċċju doganali,

— għal kull kalendarja, u

— għal kull settur ta' prodotti.

Billi huwa ċar minn dan ir-rapport u mir-rapport addizzjonali illi n-nuqqas ta' flessibilità ta' wħud mir-regoli jista' jostakola titjib fl-effikaċja tal-kontrolli; billi jkun jista' jsir użu aħjar mill-analiżi ta' riskju jekk is-servizzi tal-kontroll ikollhom marġini akbar ta' manuvra biex jorjentaw il-kontrolli;

Madankollu, ir-rata ta' 5 % għal kull settur ta' prodotti tista' tiġi sostitwita b'rata ta' 5 % li tkopri s-setturi kollha safejn l-Istat Membru japplika sistema ta' selezzjoni bbażata fuq analiżi ta' riskju magħmula skond kriterji li għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 6. F'dan il-każ, rata minima ta' 2 % għandha tkun obbligatorja għas-settur tal-prodotti."

Billi l-obbligu li tiġi mħarsa r-rata ta' 5 % għal kull prodott għal kull uffiċċju tad-dwana jagħmilha iktar diffiċli li tikkonċentra r-riżorsi umani fuq l-esportazzjoni ta' riskju għoli;

3. Għandu jiġi mdaħħal l-Artikolu li ġej:

Billi, fil-waqt illi tinżamm ir-rata kompleksiva ta' 5 %, huwa possibbli li tintroduċi flessibilità biex tħalli lis-servizzi tal-kontroll biex jorjentaw il-kontrolli tagħhom fuq prodotti iktar sensitivi;

"L-Artikolu 3a

Billi, biex tnaqqas ir-riskju ta' sostituzzjoni, partikolarment fil-każ ta' dikjarazzjonijiet ta' esportazzjoni ppreżentati u aċċettati fl-Istat Membru jew fil-post ta' l-esportatur, għandha tiġi provduta l-imposizzjoni ta' rata minima ta' kontrolli fiżiċi permezz ta' kampjun rappreżentattiv mill-uffiċċju ta' ħruġ;

Fil-każ ta' dikjarazzjonijiet ta' esportazzjoni aċċettati minn uffiċċju doganali intern, rata minima jew rati minimi ta' kontrolli fiżiċi fuq sostituzzjoni jistgħu jiġu magħmula permezz ta' kampjun rappreżentattiv minn kull uffiċċju doganali ta' ħruġ mill-Komunità. Id-diversi rati minimi ta' kontrolli għandhom jiġu stabbiliti fid-dawl tat-tip ta' riskju, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6."

Billi, in vista tal-bżonn li tiġi żgurata l-applikazzjoni effikaċi, fil-Komunità kollha, tad-disposizzjonijiet li jirrigwardaw il-kontroll tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni u in vista tar-riskji finanzjarji għall-fondi Komunitarji, għandhom jiġu adottati regoli fuq livell Komunitarju,

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jibda jseħħ fis-seba' ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda japplika mis-sena kalendarja ta' wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU C 218, tat-12.8.1993, p. 13.

⁽²⁾ Opinjoni mogħtija fid-19 ta' Jannar (għadha mhix ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*).

⁽³⁾ ĠU L 42, tas-16.2.1990, p. 6.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-24 ta' Jannar 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

G. MORAITIS
